

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-15 ta' Ġunju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Cour d'appel de Mons – il-Belġju) – Immo Chiaradia SPRL (C-444/16), Docteur De Bruyne SPRL (C-445/16) vs État belge

(Kawżi magħquda C-444/16 u C-445/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 78/660/KEE — Kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji — Prinċipju ta' stampa vera — Prinċipju ta' prudenza — Kumpannija li toħroġ opzjoni fuq l-azzjonijiet li tirreġistra l-prezz tat-trasferiment tal-opzjoni matul is-sena finanzjarja li matulha l-opzjoni tittieħed jew fi tmiem il-perijodu ta' validità tagħha)

(2017/C 277/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Mons

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Immo Chiaradia SPRL (C-444/16), Docteur De Bruyne SPRL (C-445/16)

Konvenut: État belge

Dispożittiv

Il-prinċipji ta' stampa vera u ta' prudenza previsti rispettivament fl-Artikolu 2(3) u fl-Artikolu 31(1)(c) tar-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE, tal-25 ta' Lulju 1978, ibbażata fuq l-Artikolu [50(2)(g) TFUE] dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji, kif emendata bid-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Ġunju 2003, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux metodu ta' reġistrazzjoni li skontu kumpannija li toħroġ dritt ta' opzjoni fuq l-azzjonijiet tirreġistra bħala dħul il-prezz tat-trasferiment ta' din l-opzjoni matul is-sena finanzjarja li matulha l-imsemmija opzjoni tittieħed jew fi tmiem il-perijodu ta' validità tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 410, 7.6.2016

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-21 ta' Ġunju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Corte d'appello di Genova – l-Italja) – Kerly Del Rosario Martinez Silva vs Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS), Comune di Genova

(Kawża C-449/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sigurtà soċjali — Regolament (KE) Nru 883/2004 — Artikolu 3 — Benefiċċji tal-familja — Direttiva 2011/98/UE — Artikolu 12 — Dritt għall-ugwaljanza fit-trattament — Ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom permess uniku)

(2017/C 277/26)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte d'appello di Genova

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Kerly Del Rosario Martinez Silva

Konvenuti: Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS), Comune di Genova

Dispożittiv

L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li skontha ċittadin ta' pajjiżi terzi, li jkollu permess uniku, fis-sens tal-Artikolu 2(c) ta' din id-direttiva, ma jistax jikseb benefiċċju bħall-allowance għan-nuklei familjari li għandhom tal-inqas tlett itfal minuri stabbilita mil-Legge n. 448 – Misure di finanza pubblica per la stabilizzazione e lo sviluppo (Liġi Nru 448, dwar miżuri ta' finanza pubblika għall-istabilizzazzjoni u għall-iżvilupp), tat-23 ta' Diċembru 1998.

⁽¹⁾ ĠU C 410, 7.11.2016

Appell ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2016 mil-Laboratoire de la mer mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-18 ta' Ottubru 2016 fil-Kawża T-109/16 – Laboratoire de la mer vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-662/16)

(2017/C 277/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Laboratoire de la mer (rappreżentant: J. Blanchard, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-20 ta' Ġunju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

Appell ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2017 minn Rudolf Keil kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fil-15 ta' Diċembru 2016 fil-Kawża T-330/15 – Rudolf Keil vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-37/17 P)

(2017/C 277/28)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Rudolf Keil (rappreżentant: J. Sachs, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

B'digriet tal-31 ta' Mejju 2017, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (L-Għaxar Awla) ħadhet l-appell u kkundannat lill-appellant ibati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

Appell ippreżentat fis-17 ta' Frar 2017 minn CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fid-19 ta' Diċembru 2016 fil-Kawża T-655/16, CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-87/17 P)

(2017/C 277/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: CBA Spielapparate- und Restaurantbetriebs GmbH (rappreżentant: A. Schuster, avukat)